MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2008

Numru 804/2000

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa')

vs

Joseph Sammut

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 29453(m), akkuzat talli:

1. fid-9 ta' Awissu 1999 jew fil-gimghat ta' qabel f'Birzebbugia jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali b'falsifikazzjoni jew f'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi

f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati – bi ksur tal-Artikolu 183 tal-Kap 9;
2. fl-istess cirkustanzi xjentement ghamel uzu mill-istess skrittura falza – bi ksur tal-Artikolu 184 tal-Kap 9;
3. fis-17 ta' Settembru 1999 u fil-granet ta' wara fil-Floriana bil-hsieb li jaghmel hsara lil Henry Galea akkuza lil istess Henry Galea quddiem awtorita' kompetenti b'reat filwaqt li kien jaf li dik il-persuna kien innocenti – bi ksur ta' l-Artikolu 101 tal-Kap 9.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-akkuzat jittrattaw il-falsifikazzjoni minn persuna li mhux ufficjal pubbliku ta' att awtentiku u pubbliku jew ta' skrittura kummercjali jew ta' bank privat, bl-uzu xjenti tal-istess; akkuzat ukoll b'kalumnja.

Issa mill-provi jirrisulta li l-akkuzat flimkien ma hu l-mara tieghu kienu bdew negozju ta' kiri ta' karozzi. Billi l-akkuzat xtaq jittermina, z-zewg partijiet fthemu biex huwa johrog minn negozju u l-karozzi li kienu f'isem l-akkuzat iduru fuq isem l-iehor u jigi lilu effettwat il-pagament tas-somma li bonarjament il-partijiet kienu fthemu dwarha. Il-kaz kollu jibbaza fuq skrittura (notice to transfer) b'referenza ghall-vettura tal-marka Hyundai Accent numru ta' registrazzjoni GAO 213 liema skrittura tinsab esebita folio 14. Titratta l-firma ta' Tessie Sammut (mart l-akkuzat) fuq l-istess skrittura liema firma l-prosekuzzjoni qed tghid li hija falsifikata. L-akkuzat jinnega li l-firma ta' martu ghamilha hu. Jghid li kellu prokura ta' martu (esebita) u ma kellux ghalfejn jiffalsifika l-firma taghha. Jistqarr li huwa kien ghadda l-iskrittura iffirmata b'ismu lill hu martu u qallu li appena kien ihallas martu kienet tiffirma u l-

karozza kienet iddur f'ismu. Zied jghid li huwa ghamel hekk billi kien ser isiefer ghal xi zmien fuq xoghol. Gara, izda, li meta gie lura l-pagament kien ghadu ma sarx. Konsegwentement cempel lil hu l-mara li qallu jmur jigbor il-pagament. Hemmhekk sab li kien hemm Lm350 nieqsa li hu l-mara ma ridtx ihallas. Minn verifiki li sussegwentement ghamel irrizultalu li t-trasferiment kien sar u l-Qorti tifhem li sar ghab-bazi ta' l-iskrittura folio 14. Jirrisulta oltre li meta intebah bil-fatt tat-transfer irrikorra ghand avukat li f'ismu kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija li ntalab jinvestiga r-rapport. L-ittra hi datata 22 ta' Settembru 1999 u hi esebita folio 15. Jirrisulta oltre li l-akkuzat irrilaxxja zewg stqarrijiet lil Pulizija precisament fit-8 u t-13 ta' Novembru 2000 u waqt li innega li l-firma tal-mara ghamilha hu irrikonoxxa li fis-17 ta' Settembru 1999 kien mar ghamel rapport l-ufficju tal-frodi fejn kien irraporta li hu l-mara kien iffalsifika il-firma ta' martu. L-okkorrenza relattiva tar-rapport tinsab esebita folio 21.

Illi kollox ma kollox, wara li l-Qorti ezaminat bir-reqqa x-xhieda prodotta u sakemm ammissibbli, malgard ir-relazzjoni tal-espert tekniku li fiha ikkonkluda li l-firma 'Tessie Sammit' fuq l-iskrittura folio 14 u l-firem ta' 'Joseph Sammut' fuq id-dok.JC2 u d-dok.JC6 saru mill-istess id" qedgha l-Qorti issibha difficli li tirrikoncilja l-assiem tax-xhieda u tattribwixxi reita' fl-imputat tal-akkuza kontrih dedotti. Issib f'dan il-kuntest illi hemm lacuni serji fix-xhieda billi f'kull kaz mhi assolutament xejn cara ghand minn u bl-liema firem kient l-applikazzjoni tat-trasferiment tal-vettura wara li kien siefer l-imputat u kif spiccat ghand l-imsemmi Galea u x'firem kien hemm fuqha f'dan il-mument eskluz hawnhekk li l-imputat kien qieghed Malta.

Mill-bqija u senjatament fil-konfront tat-tielet akkuza l-prova tax-scienter wkoll fil-fehma tal-Qorti ma tirrisultax sal grad rikjest. Il-mument determinanti ghall-kummissjoni tar-reat kellu jkun dak meta l-imputat mar jaghmel r-rapport fl-ghassa u hawnhekk ma rrisultax sodisfacjentement pruvat li l-imputat kien verament konxju tal-fatti gjaladarba l-Qorti mhiex konvinta mija fil-mija li l-firma ta' martu ghamilha hu.

Inghad dan ghalhekk u minhabba karenza fil-provi mhux qed issib l-imputat hati u kwindi qeghdha tilliberah minn kull addebitu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------